MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 8/2010/1

**John Azzopardi**
**bhala rapprezentant tad-ditta J.A.Trading**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Dawn huma zewg appelli, wiehed ad istanza tar-rikorrent John Azzopardi nomine u l-iehor ad istanza tal-intimat

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Ottubru 2010.

Il-Qorti tal-ewwel grad iddecidiet ir-rikors billi laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament ghad-dikjarazzjoni illi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli gie lez stante illi l-appell li hu ressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud dam zmien irragjonevoli biex jigi deciz, fil-waqt li cahdet it-talbiet enumerati 2 (a) (b) u (c) u laqghet it-talba enumerata 2(d), u fid-dawl tal-ksur stabbilit, ordnat lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' €800 (tmien mitt Ewro) bhala kumpens. L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghall-erba' partijiet minn hamsa ($^{4}/_{5}$) mir-rikorrent, u parti wahda minn hamsa ($^{1}/_{5}$) mill-intimat.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti nomine fid-9 ta' Frar, 2010, li jaqra hekk:

"Illi permezz ta' avviz mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-26 ta' Dicembru, 1996, ir-rikorrent gie avzat li wara spezzjoni tal-kotba tad-ditta J.A. Trading kienet qieghda ssir stima fit-termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 1995 u l-31 ta' Lulju, 1996;

"Illi r-rikorrent ipprezenta appell quddiem il-Bord tal-Appell liema appell gie ipprezentat billi ittiehed bl-idejn fid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u liema appell gie immedjatament segwit ukoll b'ittra registrata datata 8 ta' Jannar, 1997;

"Illi l-prezentata ta' dan l-appell kienet rikonoxxuta mid-Dipartiment mill-anqas f'zewg ittri indirizzati lir-rikorrent;

“Illi minkejja dan wara tentattivi mir-rikorrent sabiex ifittex x’kien qieghed isir mill-appell tieghu huwa gie mgharraf li l-appell tieghu ma kienx gie registrat u li d-dokumenti kienu gew mitlufa;

“Illi sussegwentement, ir-rikorrent ipprezenta rikors tal-appell bhal dak li kien gie mitluf sabiex il-proceduri jkunu jistghu jigu mismugha u decizi;

“Illi dan ir-rikors gie registrat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-27 ta’ Ottubru, 1999;

“Illi fil-mori tas-smigh tal-appell, l-intimat ressaq eccezzjoni fis-sens li l-appell tar-rikorrent quddiem il-Bord tal-Appelli kien tardiv;

“Illi permezz ta’ decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appelli fit-12 ta’ Settembru, 2006, dan il-Bord iddecieda is-segwenti u cioe’:

“*Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet, il-Bord wasal ghall-konvinzjoni assoluta li l-appell li twassal lill-Bord fis-27 ta’ Ottubru, 1999, u li kien fil-fatt irregistrat f’dik id-data, kien l-uniku appell li seta’ jitqies ghal kull skop u fini tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 32 u tar-Regolament 10 tar-Regolament tal-1996 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Bord tal-Appelli), Avviz Legali 50 tal-1996 tal-Att. Meta jitqies li l-istejjem kienu twasslu lill-Appellant fit-8 ta’ Jannar, 1997, kwazi sentejn u ghaxar xhur qabel, l-appell ma setax jitqies validu skond id-dispozizzjonijiet tal-paragrafu (1)(d) tal-partita 4 tas-sitt Skeda tal-Att.*

“*Ghaldaqstant, il-Bord jiddikjara li l-appell odjern huwa null*”.

“Illi r-rikorrent ipprezenta appell minn tali decizjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell li fit-12 ta’ April, 2007, ippronunzjat id-decizjoni taghha fis-sens

"*Ghal dawn il-motivi u konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti qed tichad l-appell fiz-zewg kapi tieghu, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-appellanti.*"

"(i) Illi b'hekk b'nuqqas serju da parti tal-amministrazzjoni li ghaliha huwa responsabbli l-intimat, ir-rikorrent gie mcahhad milli jkollu d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tieghu determinati minn tribunal b'mod xieraq u dan kontra l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Kapitolu 319;

"(ii) Illi in oltre, il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli kienu differiti ghall-24 ta' Lulju, 2006, u dan sabiex il-partijiet jidhru quddiem l-istess Bord, izda minkejja dan din is-seduta giet kancellata mill-istess Bord minghajr raguni u sussegwentement ir-rikorrent ircieva kopja tad-decizjoni tal-Bord tal-Appelli minghajr ma nzammet seduta u minghajr ma kien infurmat li l-proceduri qeghdin jigu differiti ghas-sentenza;

"Illi b'hekk huwa gie ukoll mcahhad mid-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif protett bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Kapitolu 319;

"(iii) Illi in oltre, il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli iddewmu ghal zmien irragonevoli u dan minghajr htija jew responsabbilita' da parti tar-rikorrent u b'hekk ir-rikorrent ma nghatax smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kontra d-dritt ghal smigh xieraq kif protett bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Kapitolu 319;

"Illi dan l-agir ippregudika l-qaghda finanzjarja tar-rikorrent u kkawzalu danni kif sejjer jigi pruvat fil-mori tal-proceduri;

"Talab ir-rikorrent jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"Tiddikjara li l-agir fuq imsemmi jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Kapitolu 319;

"Taghti dawk ir-rimedji xierqa u opportuni sabiex jigu indirizzati tali vjolazzjonijiet fosthom (a) li r-rikorrent jitqieghed f'dik il-qaghda hekk kif kien malli rcieva l-avviz ta' stima in kwistjoni, (b) jigu dikjarati vizzjati s-sentenzi moghtija mill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud fit-12 ta' Settembru, 2006, u dik moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' April, 2007, (c) tordna li l-appell tar-rikorrent jigi mismugh fil-mertu mill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa tal-Valur Mizjud, (d) tillikwida dawk id-danni li gew sofferti mir-rikorrent u tordna lill-intimati jew lil min minnhom ihallsu l-istess.

"Rat ir-risposta mressqa mill-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

"Preliminarjament, il-gudizzju m'huwiex integru, stante li l-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma jirraprezentax fil-gudizzju lill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud lill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

"(i) Subordinatament, imma ukoll in via preliminari, kif jirrizulta mill-atti, ir-rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji ordinarji tieghu u ma ivventilax il-lanjanza principali tieghu fis-sens illi, skond hu, effettivament ipprezenta l-appell fit-8 ta' Jannar, 1997, liema inkartament intilef u ghalhekk ma setax jinstema. Mill-atti tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) jirrizulta pjenament illi r-rikorrent ghazel illi jindirizza diversi aggravji bhal dik lamentata tardivita' tal-Kummissarju li jissolleva l-eccezzjoni tan-nullita' tal-appell u m'ghamilx l-icken tentattiv, l-istess rikorrent odjern, kemm quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex igib xi prova minima illi effettivament huwa intavola appell fit-8 ta' Jannar, 1997,

liema allegazzjoni hija assolutament michuda mill-esponent Kummissarju.

“Ghalhekk l-intimati esponenti umilment jissottomettu illi ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat moghtija fis-Sede Kostituzzjonali.

“Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, materji konnessi mat-taxxa ma jaqghux fid-definizzjoni ta’ ‘drittijiet u obbligi civili’ skond l-Artikolu 39(2) tal-kostituzzjoni jew “ta’ drittijiet civili u ta’ obbligu tieghu” taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u ghalhekk ir-rimedju mitlub taht l-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-kapitolu 319 tal-ligijiet, m’huwiex ammissibbli (Vide sentenza “Ferrazzini vs Italy”, 12 ta’ Lulju, 2001, Appell numru 44759/98 u “Vilho Eskelinen vs Finland”, 19 ta’ April, 2007, b’mod partikolari l-paragrafu 61).

“Subordinatament u minghajr pregudizzju, ir-rikorrent kien iddeduca l-istess pretensjonijiet fil-kawza kostituzzjonali - Rikors numru 36/2007 AF - liema kawza kienet snin ilu giet differita *sine die* minhabba li r-rikorrent qatt ma wera interess fl-istess kawza u sussegwenti dik il-kawza marret dezerta. Di piu’, f’dik il-kawza kienu gew prezentati numru kbir ta’ dokumenti mill-esponenti. Ghalhekk, qieghed jigi umilment sottomess li l-atti tal-imsemmija kawza ghandhom jigu allegati.

“(ii) Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-intimati esponenti jirrilevaw illi l-pretensjoni tar-rikorrent li ma inghatax smiegh xieraq (peress illi, skond huwa, il-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gew differiti ghall-24 ta’ Lulju, 2006, u din is-seduta giet kancellata u sussegwentement il-kawza giet deciza), hija insostenibbli, inamissibbli, u bla fondament u dan stante illi anke kieku *dato ma non concesso* il-proceduri sehhew kif jirrapurtahom ir-rikorrent,

huwa inghata l-opportunita’ illi jivventila tali pretensjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u ghalhekk kull aggravju dwar smiegh xieraq minhabba dan l-incident skond il-gurisprudenza, ma huwiex sostenibbli.

“(iii) Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ma kien hemm l-ebda dewmien ghal zmien irragjonevoli kif lamentat fl-ahhar aggravju tar-rikorrenti u jekk kien hemm xi dewmien dan kien fil-parametri ta’ ragjonevolezza u semmai kien attribwibbli principalment lill-istess rikorrent illi talab differiment wara l-iehor.

“(iv) Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti intimati ma jaqblux mal-fatti kif rappurtati fir-rikors odjern u assolutament jichad illi effettivament gie ipprezentat xi appell mir-rikorrent fit-8 ta’ Jannar, 1997. Kif jirrizulta mill-atti, ir-rikorrent kellu kull opportunita’ quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell biex jipprezenta l-icken prova illi effettivament huwa kien ipprezenta appell fit-8 ta’ Jannar, 1997, mentri jirrizulta bl-aktar mod car illi la pprezenta kopja tal-acknowledgement li jinghata kull appellant li jintavola appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, la pprezenta ir-ricevuta tad-depozitu illi ghandu jsir *ad validitatem* mal-prezentata tal-imsemmi appell u lanqas ebda prova ohra. Effettivament ir-rikorrent ghazel illi jevita li jitratta l-mertu tal-prezentata tal-appell kemm quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it- Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kif ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell bis-semplici espedjent illi jissottometti li l-kummissarju appellant qajjem it-tardivita’ tal-appell fi stadju inopportun.

“Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jissottomettu illi t-talbiet kontenuti fir-rikors odjern ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

“Rat l-atti tal-process kostituzzjonali fl-istess ismijiet (Rikors numru 36/07) li kien gie dikjarat dezert minn din il-Qorti fis-26 ta’ Dicembru, 2008, kif ukoll l-atti tal-kaz numru 179/99, deciz mill-Bord tal-Appelli tat-Taxxa fuq il-

Valur Mizjud fit-12 ta' Settembru, 2006, u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' April, 2007 (Appell numru 16/06), li jiffurmaw parti mill-meritu ta' din il-kawza;

"Rat l-atti kollha ta' din il-kawza u d-dokumenti esibiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Ikkunsidrat;

"Illi r-rikorrent f'din il-kawza jilmenta li hu gie mfixkel fid-dritt tieghu li jikkontesta stimi mahruga mill-intimat fis-26 ta' Dicembru, 1996, u li kienu gew notifikati lilu fit-8 ta' Jannar, 1997. Hu jinsisti li dakinhar stess baghat ittra lill-intimat fejn oggezzjona ghal dawk l-istimi kif ukoll ressaq appell mill-istess stimi ghal quddiem il-Bord tal-Appelli tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Skond ir-rikorrent, wara li ghadda certu zmien u ma sema' xejn mid-dipartiment, huwa mar isaqsi x'gara mill-kaz tieghu, u gie infurmat li l-appell tieghu ma kienx instab u inghata parir iressaq appell iehor. Ir-rikorrent ipprezenta dan it-tieni appell fis-27 ta' Ottubru, 1999.

"Meta l-Bord tal-Appelli rcieva l-kaz u nnotifikah lill-intimat, dan ikkontesta b'talba fil-meritu, izda, qabel is-smiegh, ressaq oggezzjoni ulterjuri fis-sens li l-appell tar-rikorrent kellu jitqies null ghax ipprezentat fuori termine. Quddiem il-Bord, ir-rikorrent ressaq zewg ilmenti b'referenza ghal dan l-ostakolu procedurali : hu ssottometta li la darba l-intimat ma ressaqx dak l-aggravju fl-ewwel risposta, u anzi kkontesta l-appell fil-meritu, ma setax iqajjem dak l-aggravju "fl-istadju avvanzat tal-process"; issottometta ukoll li f'kull kaz, hu kien ipprezenta appell validu f'Jannar tal-1997, u jekk dan intilef, m'ghandux jigi punit minhabba traskuragini tad-dipartiment.

"Il-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, b'decizjoni tat-12 ta' Settembru, 2006, laqa' l-ilment procedurali tal-intimat odjern u wara li skarta l-

oggezzjonijiet tar-rikorrent, iddikjara l-appell mhux validu peress li kien gie pprezentat tardivament.

"Ir-rikorrent ressaq appell minn din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell fejn rega' tenna l-oggezzjonijiet ghall-eccezzjoni procedurali sollevata mill-intimat, u ressaq ilment ulterjuri fis-sens li l-Bord tal-Appelli ma tahx smiegh xieraq ghax ghalkemm il-Bord kien iddiferixxa s-smiegh biex il-partijiet jidhru quddiemu, is-seduta giet kancellata mill-istess Bord li ghadda ghad-decizjoni tieghu.

"Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tat-12 ta' April, 2007, cahdet dawn l-aggravji tar-rikorrent wara li osservat (i) li l-eccezzjoni tat-tardivita' tal-att introdott setghet tigi sollevata fl-istadju li hekk giet, u setghet ukoll tigi sollevata mill-Board stess ex officio, (ii) li ma saritx prova li gie pprezentat appell iehor qabel dak tas-27 ta' Ottubru, 1999, li, ictu oculi, gie pprezentat fuori termine; u (iii) li la darba ma kienx jezisti appell validu, ma jistax jinghad li saret xi lezjoni tal-principju tal-gustizzja naturali b'detriment ghall-interessi tar-rikorrenti.

"Ir-rikorrenti issa ressaq dawn l-istess tlett ilmenti tieghu quddiem din il-Qorti fil-vesti taghha ta' sede kostituzzjonali. Hu ilmenta ukoll mid-dewmien li ha l-kaz tieghu biex jigi deciz.

"Din il-Qorti trid tirrimarka fuq ic-cirkostanza li dan l-ahhar jidher li dahlet "moda" li parti li titlef kawza quddiem il-qrati ordinarji, in segwitu tressaq l-istess ilmenti quddiem din il-Qorti u titlob li jergghu jigu mistharrga l-aggravji taghha. Kemm il-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll dik tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg osservaw kemm-il darba li din il-Qorti m'ghandhiex isservi bhala Qorti ta' tielet jew raba' istanza u ghandha tindahal biss f'kaz ta' ksur ta' smigh xieraq u m'ghandhiex zgur tinvolvi ruhha f'apprezzament ta' provi jew fl-interpretazzjoni tal-ligi mill-Qrati ordinarji.

"Fil-fatt fil-kawza "Valfracht Maritime Co. Ltd. vs Avukat Generali et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Novembru, 2006, intqal hekk fir-rigward:

""*Certament l-odjerna procedura ma tistax tintuza biex tirretifika kwalunkwe nuqqas, ikun xi jkun ta' xi Qorti ohra, izda minflok hija procedura straordinarja li ghandha dejjem tigi ezercitata fil-parametri strett tad-dritt fundamentali li allegatament ikun gie vjolat. F'dan il-kuntest huwa opportun li tigi citata silta mill-volum imsemmi Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, l-awturi jikkummentaw hekk dwar l'hekk imsejha "fourth instant" doctrine. Dan l-insenjament qieghed jigi enfasizzat hawn, ghaliex japplika, mutatis mutandis ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghal din il-Qorti meta jkunu qeghdin jezaminaw allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fil-konfront ta' xi Qorti jew tribunal iehor:*

***"Every month, the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***

***"The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation***

***based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6***."

"Precizat dan, din il-Qorti sejra issa tistharreg l-ilmenti tar-rikorrent fil-limiti tal-gurisdizzjoni taghha. Qabel xejn jinghad li, kif jidher mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, materji konnessi mat-taxxa ma jaqghux fid-definizzjoni ta' "drittijiet u obbligi civili" taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-fatt, fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4th Edition 2006, pagna 528), jinghad hekk a propozitu:

""*The Schouten and Meldrum line of reasoning was confirmed in the Ferrazzini Case by the Grand Chamber, albeit by eleven votes to six. There the Court started its considerations by observing that precuniary interests are clearly at stake in tax proceedings. However, merely showing that a dispute is precuniary in nature is not in itself sufficient to attract the applicability of the first paragraph of Article 6 under its 'civil head'. In examining whether interpreting the Convention as a living instrument should lead to the conclusion that developments have occured in democratic societies that have affected the fundamental nature of the obbligation to pay tax, the Court reached the conclusion that "tax matters still form part of the hard core of public-authority prerogatives, with the public nature of the relationship between the taxpayer and the tax authority remaining predominant (...). It considers that tax disputes fall outside the scope of civil rights and obligations, despite the necessary pecuniary affects which they necessarily produce for the taxpayer*."

"Din, pero', mhix il-pozizzjoni li hadet hawn Malta l-Qorti Kostituzzjonali. Tant hu hekk li fil-kawza "Pig Breeding Co. Ltd. vs Avukat Generali et", deciza fis-6 ta' April, 2006, intqal hekk fuq il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tistharreg fuq id-dritt ta' access quddiem it-Tribunal mahluq biex jistharreg kwistjonijiet ta' Taxxa:

""*Huwa evidenti li l-appellati ghadhom ma jridux jaccettaw – jew ma jistghux jifhmu jew ma jridux jifhmu – dak diga'*

*deciz darbtejn minn din il-Qorti -- l-ewwel darba bis-sentenza* ***Anthony Frendo v. Avukat Generali et*** *tat-30 ta' Novembru, 2001, u in segwitu bis-sentenza* ***Vincent Cilia v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** *tat-28 ta' Jannar, 2005. Din il-Qorti tillimita ruhha li terga' ttenni li meta l-istat, permezz tal-ligi, jaghti d-dritt lic-cittadin li jirrikorri biex jikkontesta l-imposizzjoni jew esazzjoni ta' taxxa quddiem tribunal kwazi-gudizzjarju u, wara, quddiem organu gudizzjarju (f'dan il-kaz il-Bord tal-Kummissarji Specjali u l-Qorti tal-Appell) tali dritt ta' access huwa fih innifsu dritt privat, b'mod li l-garanziji kemm tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni kif ukoll dawk tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jkunu applikabbli ghal dak it-"tribunal indipendenti u imparzjali" – anke l-Bord huwa koncepit, ghall-anqas fit-teorija u mqieghed kif inhu f'parti mill-iter procedurali li jwassal ghall-Qorti tal-Appell, bhala bord indipendenti u imparzjali. Konsegwenza ta' dan hi li jekk xi dispozizzjoni ta' ligi ccahhad b'mod mhux ragjonevoli lic-cittadin minn dak id-dritt ta' access moghti lilu bil-ligi stess, dik id-dispozizzjoni tkun tikkozza maz-zewg dispozizzjonijiet appena imsemmija.*"

"Trattati issa l-aggravji tar-rikorrent, din il-Qorti ma tarax li dawn huma gustifikati. Il-kwistjoni ta' f'liema stadju parti f'appell tista' tissolleva eccezzjoni ta' nullita' tal-istess appell hija kwistjoni purament procedurali mhollija ghad-diskrezzjoni tal-istati membri biex jirregolaw. Il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem thalli l-materja ta' kif u f'liema terminu dak li jkun ghandu jressaq l-ilmenti tieghu quddiem Qorti jew tribunal kompetenti f'idejn il-legislazzjoni nazzjonali, basta li din il-procedura ma timponix restrizzjonijiet irragjonevoli ghall-ezercizzju tad-dritt.

"Kif qalet il-Qorti tal-Appell f'dan il-kaz, in konformita' mal-ligi u l-gurisprudenza taghna, il-materja ta' termini imposti ghal prezentata ta' appell hi wahda ta' ordni pubblika, sollevabbli mit-tribunal adit ex officcio u, fil-kaz konkret, kienet eccezzjoni "li setghet titqajjem fl-istadju li giet sollevata".

“Ghar-rigward ta’ ilment marbut mal-prezentata tal-istess appell, mill-provi prodotti kemm il-Bord Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, kif ukoll il-Qorti tal-Appell kienu tal-fehma li ma kienx gie pprezentat appell qabel is-27 ta’ Ottubru, 1999. Dawk it-tribunali kellhom quddiemhom il-provi mressqa mir-rikorrent in sostenn tal-argument tieghu li hu kien ipprezenta appell precedenti f’Jannar tal-1997, izda ma qiesithomx attendibbli u ma qablux mal-argumenti tar-rikorrent. Din il-Qorti, kif inghad, m’hiex “a trial court”, u m’ghandhiex tisma’ l-provi ta’ din ix-xorta hi, u l-kompetenza taghha hi biex tara jekk ir-rikorrent inghatax smigh xieraq : fuq dan il-punt, ir-rikorrent ressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tieghu, u l-fatt li l-argumenti tieghu ma gewx abbraccjati mill-Bord tal-Appell u l-Qorti tal-Appell ma jfissirx li gie lez xi dritt tieghu.

“Ghal kull buon fini, din il-Qorti trid tirrimarka li anke hi wara li ezaminat il-provi prodotti, partikolarment l-affidavits ta’ John u Charlie Azzopardi, ma tarax li gie ippruvat li kien gie pprezentat appell precedenti ghal dak ta’ Ottubru, 1999. Din il-Qorti tara li r-rikorrent jista’ jkun li kellu <u>l-hsieb</u> li jressaq appell, izda ma ottemperax ruhu mal-formalitajiet rikjesti, b’mod li l-istess baqa’ ma giex registrat u ma tressaqx ghal quddiem il-Bord tal-Appell. Dan ma sehhx minhabba xi traskuragini da parti ta’ xi ufficjal fid-dipartiment koncernat, izda b’nuqqas tar-rikorrent stess li allura ghandu jwiegeb ghall-konsegwenzi.

“Rigward it-tielet ilment marbut mad-decizjoni tal-Bord tal-Appell li tikkancella seduta u minflok tghaddi ghad-decizjoni, din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi tal-kaz, kien hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Il-Bord kellu quddiemu l-provi li ressqu l-partijiet, u s-sottomissjonijiet bil-miktub li ukoll ressqu z-zewg partijiet, u deherlu li ma kellux ghalfejn jisma’ l-partijiet u setgha jghaddi ghad-decizjoni. Ma sehh ebda nuqqas bi pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti. Inoltre, kif osservat il-Qorti tal-Appell, “*meta kien apparentement ben ovvju illi l-appell gie interpost tardivament*”, din l-allegata decizjoni li ha l-Board li ma jzommx is-seduta skedata “*ma jgibx ghaldaqshekk illi saret xi lezjoni tal-principju ta’ gustizzja naturali b’detriment ghall-interessi tal-appellanti*”.

"Ghar-rigward, tad-dewmien fis-smigh tal-kaz, kollox jiddependi min-natura tal-kaz u l-atteggjament tal-partijiet. F'dan il-kaz, l-appell quddiem il-Board tressaq fis-26 ta' Ottubru, 1999, u gie deciz mill-istess Board fit-12 ta' Settembru, 2006, u mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' April, 2007. Ghalkemm kien car li dan l-appell kien gie pprezentat fuori termine, il-Board kien jehtieglu jistharreg l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu kien ressaq appell iehor snin qabel. Din il-Qorti tinnota li minn meta beda s-smigh tal-kaz mill-Board tal-Appell, f'Ottubru 2004, sad-decizjoni finali, sentejn wara, il-kaz tmexxa bid-debita attenzjoni u regolarita', anke meta tqis ukoll talbiet ghad-differiment maghmula mill-konsulent tar-rikorrent.

"Din il-Qorti tara, pero', li z-zmien ta' <u>hames snin</u> li ha l-Board biex <u>jibda jisma'</u> l-kaz kien wiehed esageratament twil. Hu wisq probabbli li dan it-tul ta' zmien kien dovut ghall-fatt li l-Board kien impenjat fis-smigh ta' kawzi ohra, u ma kienx umanament possibbli ghall-membri tal-istess li jisimghu dan il-kaz flimkien mad-diversi kawzi ohra li gew assenjati lilhom. Gie, pero', kemm-il darba stabbilit mill-Qrati taghna u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li l-ammont ta' kawzi u l-"backlog" tal-lista' m'hiex skuza ghad-dewmien fl-istharrig ta' kaz. Huwa obbligu tal-awtoritajiet kompetenti li jahtru numru ta' Boards bizzejjed, u jaghtuhom l-istrutturi mehtiega, biex id-domandi li jitressqu jkunu jistghu jigu mistharrga bl-ispeditezza u bir-reqqa li trid il-ligi (ara is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar, 1995, fil-kawza "<u>Manduca v. L-Onorevoli Prim Ministru</u>", li kienet diga', minn dak iz-zmien, enfasizat fuq il-htiega tal-Gvern li jahtar tribunali u nies bizzejjed biex il-gustizzja tkun tista' ssir fi zmien ragjonevoli). Ma inghatat ebda gustifikazzjoni valida ghala l-kaz tar-rikorrent kellu jdum hames snin biex jibda, u kwindi tara li, taht dan l-aspett, id-dritt tar-rikorrent li jkollu smigh xieraq fi zmien ragjonevoli gie lez u tillikwida l-kumpens li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghal dan il-ksur fl-ammont ta' €800 (tmien mitt Ewro). It-talbiet l-ohra tar-rikorrent, precizament dawk enumerati bil-paragrafu 2 (a) (b) u (c) tat-talbiet tieghu, qed jigu michuda peress illi huma infondati.

"Ghal kull fini, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni tal-intimat marbuta mal-integrita' tal-gudizzju ghax tara li l-ilmenti tar-rikorrenti gew tajjeb indirizzati kontra l-kap tad-dipartiment kif titlob il-ligi.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mir-rikors tar-rikorrenti billi tilqa' l-ewwel talba limitatament billi jigi dikjarat li d-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli gie lez billi l-appell li hu ressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud dam zmien irragjonevoli biex jigi deciz, u fil-waqt li tichad it-talbiet enumerati 2 (a) (b) u (c) mir-rikorrent, tilqa' t-talba enumerata 2 (d), u fid-dawl tal-ksur stabbilit, tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' €800 (tmien mitt Ewro) bhala kumpens.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghall-erba' partijiet minn hamsa (4/5) mir-rikorrent, u parti wahda minn hamsa (1/5) mill-intimat."

**Rikors tal-appell tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpona appell mis-sentenza sureferita billi hass ruhu aggravat fejn il-Qorti

1. Cahdet l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens illi l-gudizzju mhux integru u fejn irriteniet li l-ilmenti tar-rikorrent kienu tajjeb indirizzati kontra l-istess Kummissarju;

2. Kif ukoll fejn laqghet it-tieni talba 2(d) tar-rikorrent wara li sabet li kien hemm ksur ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli;

3. Fejn ordnat lill-Kummissarju jhallas lir-rikorrent is-somma ta' Euro 800 bhala kumpens u fejn akkollatu b'$^{1}/_{5}$ tal-ispejjez.

Ghaldaqstant talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrent enumerati 2(a)(b) u (c) u fejn akkollat lir-rikorrent b'$^{4}/_{5}$ tal-ispejjez, tannullaha (i) fejn cahdet l-eccezzjoni dwar l-integrita' tal-gudizzju u (ii) fejn laqghet it-talba 2(d) u (iii) fejn ordnatlu jhallas Euro 800 lir-rikorrent bhala kumpens u $^{1}/_{5}$ tal-ispejjez. Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

**Rikors tal-appell tar-rikorrent John Azzopardi noe.**

Appella wkoll ir-rikorrent mis-sentenza sureferita b'dawn l-aggravji:

1. Illi l-ewwel Qorti kellha ssib li d-dritt ghal smigh xieraq gie lez mir-rifjut tal-Bord tal-Appell li jkompli jikkunsidra l-appell li gie kkunsidrat bhala *fuori termine*.

2. Illi r-rimedju ghal-lezjoni riskontrata kellu jkun li jinghata kumpens u/jew jinhafru l-imghaxijiet li ntilfu minhabba dak id-dewmien.

Ghaldaqstant ir-rikorrent appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma li kien hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, tirrevokaha fil-bqija u minflok issib li d-dritt tieghu gie lez mid-data tat-telfien tal-formula tal-appell maghmula f'Jannar 1997 u konsegwentement taghti dawk ir-rimedji xierqa u ghalhekk tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-appellat.

**Risposti**

Il-kontendenti ressqu r-risposti taghhom ghall-appell, u t-tnejn, ghar-ragunijiet minnhom individwalment sollevati fir-risposta rispettiva taghhom, irritenew li l-aggravji mressqa min naha l-ohra huma lkoll infondati u li s-sentenza ghandha tigi riformata, u li l-appell tal-parti l-ohra jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu.

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga' tirrepetihom.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Fl-ewwel aggravju tieghu l-intimat isostni li huwa m'huwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghall-operat tal-Bord fuq it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa responsabbili l-Istat kif rapprezentat mill-Avukat Generali. L-appellant jikkontendi li mhuwiex il-"Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni" skont l-Artikolu 181 B tal-Kap. 12 ghas-semplici raguni li hu bl-ebda mod ma huwa inkarigat jew ghandu xi forma ta' kontrol fuq l-operat tal-Bord tal-Appell.

Dwar din l-eccezzjoni l-ewwel Qorti mmotivat id-decizjoni taghha billi qalet li kienet qeghdha tichad l-eccezzjoni tal-intimat stante li l-ilmenti tar-rikorrent gew indirizzati tajjeb kontra l-kap tad-dipartiment kif titlob il-ligi.

Illi l-Artikolu 181(B)(1)(2) tal-Kap. 12 jiddelineja meta kap ta' Dipartiment partikolari huwa l-legittimu kontradittur f'azzjonijiet gudizzjarji[1].

L-Artikolu 45 tal-Kap. 406 iwaqqaf il-Bord tal-Appell. Dan il-Bord tal-Appell huwa wiehed aggudikattiv u huwa indipendenti mill-Kummissarju, li fil-fatt huwa biss wiehed mill-partijiet li jidhru quddiem dak il-Bord. Bhala tali ghalhekk l-intimat Kummissarju ma jistax jirrappezenta lill-Bord u lanqas huwa inkarigat mill-materja in kwistjoni. Kieku kellu jkun altrimenti, kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-principji ta' gustizzja naturali billi kien ikun *iudex in causa propria*. Il-Kummisarju ma jistax ikun

---

[1] **181B.** (1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

fl-istess hin parti in kawza kif ukoll il-persuna li tirrapprezenta il-Bord fil-Qorti. Lanqas ma ghandu kontroll fuq il-Bord jew kif dan ghandu jiddeciedi. Infatti huwa l-Bord biss li jiddetermina l-procedura tieghu u fost ohrajn, skont ir-regolament 12, (S.L. 406.03) dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Bord tal-Appelli), “il-Bord ghandu jistabbilixxi l-jum ghas-smiegh ta’ dak l-appell”.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-intimat responsabbili ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u senjatament ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba dewmien meta hu kien biss parti fil-kawza u ma kellu ebda kontrol fuq kif u meta jigi appuntat l-appell. L-intimat instab hati li kiser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghax suppost jirrapprezenta l-Bord u mhux minhabba xi nuqqas da parti tieghu bhala parti in kawza. Inoltre, apparti li l-Kummissarju mhux responsabbili ghall-operat tal-Bord dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, lanqas ma huwa l-persuna idoneja li taghti r-rimedju mitlub mir-rikorrent ghall-allegata vjolazzjoni.

Kif intqal fil-sentenza **Clayton Communications Co.Ltd v. Onor. Prim Ministru et** deciza fit-3 ta’ Marzu 2009:

“Id-dmir li joħloq l-istrutturi meħtiega — sew jekk dawn ikunu qrati kif ukoll jekk ikunu tribunali amministrattivi mmexxija minn imħallfin jew magistrati jew minn gudikanti mhux togati — sabiex jitħarsu d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni huwa dmir tal-istat. Jekk dik l-istruttura — fil-każ tallum il-Bord tal-Appell — tonqos li jħares dawk id-dispożizzonijiet fondamentali, ikun l-istat li jwiegeb għal dak in-nuqqas. Għalhekk, kontradittur legittimu huwa l-istat, li, skont id-dispożizzjonijiet tal-art. 181B(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura civili, jidher għalih l-Avukat Generali f’isem il-Gvern ta’ Malta.”

Illi ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh billi l-appellant Kummissarju mhux il-legittimu rapprezentant tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 181(B)(1) tal-Kap 12 stante li mhuwiex il-Kap. tad-Dipartiment inkarigat mill-materja in kwistjoni.

Il-Kummissarju, apparti li eccepixxa li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur, subordinatament eccepixxa wkoll li l-gudizzju mhux integru billi l-lanjanzi gew diretti unikament kontrih. Fil-fatt jirrizulta mill-atti li ghalkemm kienet giet ordnata n-notifika tal-Avukat Generali,[2] dan, ghalkemm ma pprezenta ebda risposta, fl-ebda stadju ma gie msejjah fil-kawza bhala parti biex il-lanjanzi tar-rikorrent jigu diretti kontra tieghu. L-Avukat Generali baqa' mhux parti f'din il-kawza.

## Aggravji tar-rikorrent appellant

Illi l-aggravju tar-rikorrent huwa dwar ir-rimedju li nghata mill-ewwel Qorti minhabba l-lezjoni dwar dewmien.

Illi ebda wiehed mill-aggravji tar-rikorrent fl-appell tieghu ma huwa qed jigi addebitat lill-Kummissarju, izda lill-Bord tal-Appell u billi din il-Qorti sabet li l-Kummissarju mhux responsabbli ghall-agir tal-Bord, l-aggravji tar-rikorrent ma jistghux jintlaqghu fil-konfront tieghu. Il-Kummissarju mhux il-persuna responsabbili li taghti rimedju lir-rikorrent ghall-allegat dewmien riskontrat quddiem il-Bord.

Finalment din il-Qorti tirrileva, ghal kull buon fini, li l-lanjanza ewlenija tar-rikorrent dwar l-allegata prezentata tal-appell f'Jannar 1997 giet mistharrga diga` darbtejn mill-Qrati u dejjem b'ezitu negattiv ghar-rikorrent. Mhux kompitu ta' din il-Qorti, u lanqas hemm aggravji f'dan is-sens, li hi terga' tezamina dak il-mertu f'din is-sede Kostituzzjonali. Tinnota biss li ma ngabet ebda prova mir-rikorrent li f'Jannar 1997 huwa kien ghamel xi depozitu ta' flus ma' l-appell, kif sar meta rega' pprezenta l-appell l-iehor fis-27 ta' Ottubru 1999.

## Decide

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-appell tar-rikorrent John Azzopardi noe, tilqa' l-appell tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u tiddikjara li huwa mhux il-legittimu kontradittur u tilliberah mill-

[2] Ara fol 4.

osservanza tal-gudizzju. Spejjez kollha ghar-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------